A.L. 82 ta' l-2000

KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA
(KAP. 10)

Regolamenti ta' l-2000 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Pellikoli u l-Palk

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 203 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, il-Ministru ta' l-Intern, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin: —

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-2000 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Pellikoli u l-Palk, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1937 dwar il-Pellikoli u l-Palk, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". G.N. 430 ta' l-1937.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-14 ta' Diċembru, 1999.

Jemenda r-regolament 40 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok il-paragrafi (6) u (7) tar-regolament 40 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej: —

"(6) Id-drittijiet li għandhom jitħallsu lil kull ċensur ta' produzzjonijiet tal-pellikola u tal-palk għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) dwar iċ-ċensura ta' pellikoli:

(i) 50 ċenteżmu għal kull *trailer* ta' pellikoli;

(ii) Lm4 għal kull pellikola;

(b) dwar iċ-ċensura ta' produzzjonijiet tal-palk:

għal drammi jew produzzjonijiet bil-Malti jew b'ilsien barrani, Lm4 għal kull dramm jew produzzjoni.

(7) Iċ-*Chairman* tal-Bord taċ-Ċensuri tal-Pellikoli u tal-Palk għandu jitħallas dritt ta' Lm350 fis-sena b'żieda mad-drittijiet provduti fil-paragrafu (6) ta' dan ir-regolament.".

Revoka ta' l-A.L. 208 ta' l-1999.

3. Ir-Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Pellikoli u l-Palk, huma b'dawn imħassrin u għandhom jitqiesu bħala li qatt ma ġew fis-seħħ.